Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna it ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

it-Taljan

Swipe to change

## Smigħ ta' xhieda

Italja

## 1 L-oneru tal-provi

### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Fil-qasam tal-oneru tal-provi japplikaw il-prinċipji fl-Artikolu 2697 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħidu li: "min jallega xi dritt quddiem il-qorti jrid jipprova l-fatti li fuqhom huwa bbażat dan id-dritt. Min jisħaq li dawn il-fatti mhux minnhom jiġifieri li d-dritt issa nbidel jew ma għadux fis-seħħ irid jipprova l-fatti li fuqhom hija bbażata l-eċċezzjoni tiegħu".
Abbażi ta' dawn il-prinċipji, għalhekk, ir-rikorrent irid jipprova l-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba tiegħu, jiġifieri dawk il-fatti li ġuridikament jippruvaw l-effetti li qed jallega. Il-konvenut min-naħa l-oħra jrid jipprova l-fatti li jostakolaw, jannullaw jew jimmodifikaw, li jistgħu jwasslu għaċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent, u jġibu fix-xejn il-pretensjoni tiegħu.
Jekk ir-rikorrent ma jippruvax il-fatti kostitwenti tad-dritt tiegħu dan iwassal għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu, indipendentament mill-produzzjoni jew le min-naħa tal-konvenut ta' eċċezzjonijiet fid-difiża tiegħu u mill-provi ta' dawn l-eċċezzjonijiet.
L-Artikolu 2698 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi n-nullità ta' kull ftehim li għandu l-għan li jikkontradixxi jew ibiddel l-oneru tal-prova, meta dan huwa marbut ma' drittijiet mhux disponibbli jew meta' dan il-ftehim jagħmilha diffiċli immens għal waħda mill-partijiet biex teżerċità d-drittijiet tagħha.
In-nuqqas ta' provi suffiċjenti jfisser żvantaġġ għall-parti, rikorrent jew konvenut, li jrid juri l-fatti kostitwenti jew l-eċċezzjonijiet għal dawn il-fatti, fis-sens li din l-insuffiċjenza titqies bħala prova nieqsa.

### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet ? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

L-oneru tal-prova huwa inqas strett fil-każijiet li ġejjin:
F'każ ta' preżunzjonijiet, jiġifieri meta l-liġi tistabbilixxi, dwar il-produzzjoni tal-provi, l-effetti ġuridiċi ta' fatti speċifiċi, jew tħalli lill-ġudikant jaqbeż minn fatt magħruf għal wieħed injorat (l-Artikolu 2727 tal-Kodiċi Ċivili).

Fir-rigward ta' preżunzjonijiet hemm differenza bejn:
preżunzjonijiet ġuridiċi, li jistgħu jkunu ta' żewġ tipi: "*iuris tantum*" għaliex jippermettu prova kuntrarja u "*iuris et de iure*" għaliex jeskludu l-possibiltà li tiġi prodotta l-prova kuntrarja matul il-proċediment.
preżunzjonijiet sempliċi, mħollija għall-valutazzjoni diliġenti tal-ġudikant li jista' jisma' biss preżunzjonijiet gravi, preċiżi u li jaqblu bejniethom. Dawn mhumiex ammessi għal dawk il-fatti li għalihom il-liġi teskludi l-provi bix-xhieda (l-Artikolu 2729 tal-Kodiċi Ċivili);
F'każ ta' fatti magħrufa: dawk il-fatti li jaf bihom kulħadd fi żmien u fil-post fejn ingħatat is-sentenza u li dwarhom ma jista' jitqajjem l-ebda dubju (l-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
F'każ ta' fatti mhux kontestati jew milqugħa, jiġifieri għal dawk li ġew allegati miż-żewġ partijiet jiġifieri kien hemm ammissjoni, anki b'mod taċitu minn minnhom kellu interess jikkontestahom. (l-Artikolu 115, I co, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili )

### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Id-deċiżjoni tal-ġudikant, kemm jekk jilqa' t-talba, kemm jekk eventwalment jilqa' l-eċċezzjonijiet, trid tkun ibbażata biss fuq fatti pruvati bis-sħiħ jew direttament jew bħala preżunzjoni.
Id-deċiżjoni tal-ġudikant ma tistax tkun ibbażata fuq fatti mhux pruvati, anki meta dawn il-fatti huma possibbli jew probabbli ħafna (l-Artikolu 115, I co, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2 Is-smigħ tal-provi

### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Fl-ordinament ġuridiku tagħna hemm stabbilit, f'dak li jikkonċerna l-produzzjoni tal-provi, il-"prinċipju dispożittiv", li jgħid li huma l-partijiet li jiddeterminaw is-suġġett tal-kawża fl-Artikolu 115, l-ewwel subparagrafu tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fejn il-ġudikant "ħlief għall-każijiet previsti mil-liġi" jrid jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi prodotti mill-partijiet.
Jeżistu madankollu xi eċċeżżjonijiet għal dan il-prinċipju, previsti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u, aktar preċiżament, fl-Artikoli:
l-Artikolu 117: jistabbilixxi l-possibiltà li jsiru domandi b'mod mhux formali lill-partijiet;
l-Artikolu 118: jistabbilixxi l-possibiltà li tiġi ordnata spezzjoni tal-persuni u tal-oġġetti;
l-Artikoli 61 u 191: jistabbilixxi l-possibiltà li ġudikant jaħtar konsulent tekniku;
l-Artikolu 257: jistabbilixxi l-possibiltà *ex officio* ta' taħrika ta' xhud li għalih ikun irrefera xhud ieħor;
l-Artikolu 281(b): jagħti lill-ġudikant tat-tribunal iffurmat minn imħallef uniku s-setgħa li *ex officio* jisma' x-xhieda meta l-partijiet waqt it-trattazzjoni jkunu għamlu referenza għal persuni li kapaċi jafu l-verità.
Fil-kawżi dwar tilwim fil-post tax-xogħol, il-proċedura tista' tgħid li tiġi sostitwita minn sistema kkaratterizzata minn elementi ta' investigazzjoni, b'mod aktar preċiż fl-Artikoli:
l-Artikolu 420: jistabbilixxi interrogatorju liberu tal-partijiet waqt is-seduta ta' sottomissjonijiet orali;
l-Artikolu 421: jistabbilixxi li l-ġudikant jista' *ex officio* u f'kull ħin jilqa' kull mezz ta' produzzjoni tal-provi, anki barra l-limiti stabbiliti mill-Kodiċi Ċivili.
Fil-kawżi ta' divorzju, limitatament għall-investigazzjonijiet dwar qligħ u fuq il-livell ta' għajxien tal-ħajja, l-imħallef inkwirenti jista' *ex officio* jieħu miżuri struttorji.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-prova tal-fatti, mitluba minn parti minnhom, tippermetti lill-parti l-oħra biex titlob li turi l-kuntrarju. F'dak il-każ il-ġudikant jilqa' ż-żewġ talbiet jekk jaħseb li l-fatti ppreżentati biex jappoġġaw it-talbiet tagħhom huma rilevanti għall-finijiet tas-sentenza.

Il-ġudikant, meta jilqa' l-provi, imbagħad jgħaddi għall-eżami tagħhom.

Wara l-għeluq tal-istadju tal-provi, il-kawża tiġi mħollija għas-sentenza.

**2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

It-Tribunal jista' jiċħad il-produzzjoni tal-provi meta dawn ma jkunux rilevanti jew ammissibbli skont il-liġi (pereżempju l-prova ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli permezz ta' xhieda), jiġifieri meta l-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba ma għandhomx effett fuq is-sentenza (pereżempju xhieda fuq fatt li ma għandux x'jaqsam mal-oġġett tal-kawża).

**2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Fl-ordinament ġuridiku Taljan il-mezzi tal-provi huma maqsuma f'mezzi dokumentarji u mhux dokumentarji.

Il-mezzi dokumentarji huma:

atti pubbliċi (l-Artikolu 2699 ss.);

skritturi privati  (l-Artikolu 2702 ss.);

telegrammi (l-Artikolu 2705 ss.);

karti u reġistri privati (l-Artikolu 2707);

rekords tal-kontijiet tan-negozjanti (l-Artikolu 2709);

reġistrazzjonijiet awdjoviżivi (l-Artikolu 2712);

kopji tal-iskritturi u l-atti (l-Artikolu 2714);

Huma mezzi ta' provi mhux dokumentarji:

ix-xhieda (l-Artikolu 2721 ss.);

l-ammissjoni (l-Artikolu 2730 ss.);

il-ġurament (l-Artikolu 2736 ss.);

l-ispezzjoni  (l-Artikolu 258 ss Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, hemm il-konsulenza teknika li toffri lill-ġudikant l-għarfien tekniku li huwa ma jkollux.

**2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X' inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjonijiet ta' esperti?**

Il-provi permezz tax-xhieda huma ammessi b'ordni tal-ġudikant struttorju (l-Artikolu 245 tal-Kodiċi Ċivili) li jobbliga lix-xhud jitla' l-qorti fejn fin-nuqqas jittieħdu miżuri koerċittivi u sanzjonijiet finanzjarji.

**Il-ġudikant jistabbilixxi ż-żmien, post u mod tad-dehra. L-uffiċjal ġudizzjarju, wara talba tal-parti interessata, javża lix-xhud biex jitla' l-qorti. Ix-xhud jieħu l-ġurament biex jgħid il-verità u jsirulu d-domandi mill-ġudikant (il-partijiet ma jistgħux isaqsu direttament lix-xhud).**

**Riċentement ġiet introdottta fl-ordinament il-possibiltà li l-ġudikant, bil-ftehim tal-partijiet, jista' jawtorizza li x-xhieda ssir bil-miktub (l-Artikolu 257 bis tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).**

F'dak li għandu x'jaqsam mal-konsulenza teknika, il-ġudikant jaħtar il-konsulenti, ifassal id-domandi u jistedinhom għas-seduta biex jieħdu l-ġurament. Bħala regola ġenerali l-konsulent ifassal rapport miktub iżda l-ġudikant jista' anki jitlob lill-konsulenti biex jirrispondu oralment waqt is-seduta (l-Artikolu 195 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

F'dak li jikkonċerna l-preżentata tal-provi bil-miktub, din issir parti mill-proċess bil-produzzjoni tagħhom, jiġifieri bl-inklużjoni tagħhom fil-fajl fil-mument tal-bidu tal-proċediment jew anke wara, iżda fi żmien stabbilit mil-liġi.

**2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-provi l-aktar kredibbli fl-ordinament tagħna huma l-att pubbliku u l-preżunzjonijiet "*iuris et de iure*".

L-att pubbliku (l-Artikolu 2699 ss. cc) huwa d-dokument imfassal, bil-formalitajiet mitluba, minn nutar jew minn uffiċjali pubbliku ieħor awtorizzat jagħtih il-fidi pubblika fil-post fejn jiġi ffirmat l-att. L-att pubbliku huwa prova konklużiva sakemm ma jiġix iddikjarat falz, dan ifisser li għandu s-saħħa ta' prova assoluta u mingħajr kundizzjonijiet.

Il-preżunzjonijiet *iuris et de iure* (l-Artikolu 2727 cc) għandhom saħħa akbar, għaliex ma hemmx prova kuntrarja għalihom.

**2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Il-liġi tipprovdi li ċerti fatti jistgħu jiġu ppruvati biss b'mezzi ta' prova determinati, f'xi każijiet b'att pubbliku biss, f'oħrajn b'att bil-miktub biss (pubbliku jew privat).

**2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Ix-xhieda għandhom l-obbligu li jixhdu, sakemm il-liġi ma tipprovdix xort'oħra. Hija prevista l-inkapaċità tax-xhud, il-projbizzjoni li wieħed jixhed u l-possibiltà li wieħed jagħżel li ma jixhidx. L-obbligu tax-xhud li jixhed jirriżulta indirettament mis-setgħat li jagħti l-Artikolu 255 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili lill-ġudikant sabiex, fin-nuqqas ta' dehra tax-xhud, jordna l-iskorta bil-pulizija u l-kundanna għal multa.

**2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Fil-każijiet previsti mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, li għalih jagħmel referenza l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jindikaw is-suġġetti li jistgħu jiddeċiedu li ma jixhdux: dawk li huma  marbuta bis-sigriet professjonali, bis-sigriet uffiċjali u bis-sigriet statali.

**2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

F'każ li xhud jitla' l-qorti u jirrifjuta li jixhed mingħajr raġuni ġustifikata jew inkella jikkonferma s-suspett li qed jixhed falz jew huwa eżitanti, l-Artikolu 256 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li l-ġudikant struttorju jista' jirrappurtah lill-prosekutur pubbliku u jibgħatlu kopja tal-proċess verbali.

**2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Ma tistax tixhed il-persuna li hija personalment interessata fil-kwistjoni pendenti l-qorti, għaliex l-interess tagħha jista' jikkostitwixxi raġuni leġittima biex issir parti mill-kawża (l-Artikolu 246 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-minuri li għandhom 14-il sena jistgħu jixhdu biss meta s-seduta ta' smigħ tagħhom issir neċessarja minħabba ċirkustanzi partikolari (l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smigħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Il-ġudikant imexxi l-eżami tax-xhud, ipoġġilu d-domandi direttament huwa stess fuq il-fatti ammessi u dawk li eventwalment jiġi mistoqsi dwarhom, b'referenza għall-istess, mid-difensuri tal-partijiet matul l-interrogatorju.

Il-possibiltà ta' vidjokonferenzi, għalkemm mhux prevista espliċitament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mhix idea barranija għall-ordinament tagħna. L-Artikolu 202 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li l-ġudikant struttorju, meta juża mezz ta' prova, "jiffissa ż-żmien, post u l-mod ta' kif tinġieb" u fost il-metodi l-ġudikant jista' jiġbor  il-provi struttorji anki permezz ta' vidjokonferenza.

Għandu jiġi mfakkar ukoll li l-Artikolu 261 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li l-ġudikant jista' jkollu recording bil-vidjow li jkun jeħtieġ mezzi, strumenti jew proċedimenti tekniċi.

Il-vidjokonferenza hija prevista espliċitament fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (pereżempju l-Artikolu 205(b)).

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-ġudikant ma jqisx il-provi mhux mitluba b'mod ġenerali iżda aċċettati.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Ma jgħoddux bħala prova favur tiegħi. Jgħoddu bħala prova favur tiegħi f'każ ta' ammissjoni li ssir matul interrogatorju formali.

L-aħħar aġġornament: 22/01/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.